MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Avviz Numru. 13/2011

**Dr. Malcolm Mifsud u Dr. Cedric Mifsud**

**vs**

**Techno Coating Engineering srl**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` ntimata ghall-hlas tas-somma ta' tmint elef, mija u tlieta u tmenin Euro u tmenin centezmu, (€8,183.80), rapprezentanti f'bilanc ta' servizzi professjonali moghtija skont l-iskrittura private ta' l-20 ta' Lulju tas-sena 2009 (Dok. A), u skont l-invoice tat-8 ta' April tas-sena 2010, (Dok B), liema somma giet ammessa skont l-ittra tal-21 ta' Lulju tas-sena 2010, (Dok C);**
**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex is-socjeta` ntimata twiegeb ghalihom bil-gurament u**

**b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` ntimata naqset u ma dehritx, la fit-30 ta’ Marzu tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` ntimata Techno Coating Engineering srl sabiex thallas is-somma ta’ tmint elef, mija u tlieta u tmenin Ewro u tmenin centezmu (€8,183.80), lir-rikorrenti Dr. Malcolm Mifsud u Dr. Cedric Mifsud;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra s-socjeta` ntimata Techno Coating Engineering srl.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------